BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **5/2013**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **30 ta' Lulju 2013**

**Mejju 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar ta' Mejju 2013.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet b'€25.7 miljun, jew b'0.2%, f'Mejju għal €10.6 biljun (ara Tabella 1). Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 6.7% minn 7.7% x-xahar ta' qabel, hekk kif iż-żieda rreġistrata matul ix-xahar kienet iżgħar minn dik irreġistrata sena qabel.

Żviluppi fl-M3 matul ix-xahar irriflettew ċaqliq fil-komponent monetarju intermedju (M2), li żdied b'€25.7 miljun, jew b'0.2%. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M2 naqset għal 7.3% minn 8.0% x-xahar ta' qabel.

It-tkabbir fl-aggregat monetarju ristrett (M1) ikkawża ż-żieda xahar fuq xahar fl-M2. L-M1 żdied b'€102.4 miljun, jew b'1.7%, wara żidiet fid-depożiti *overnight* u fil-flus maħruġa. Id-depożiti *overnight* żdiedu b'€96.8 miljun, jew b'1.8%, wara żieda fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji mhux finanzjarji. Il-flus maħruġa żdiedu b'€5.6 miljun, jew b'0.8%, f'Mejju. Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 niżlet għal 9.3% f'Mejju minn 9.9% f'April.

B'kuntrast għal dan, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas, li wkoll jagħmlu parti mill-M2, naqsu b'€76.8 miljun, jew b'1.9%. Dan seħħ l-aktar minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji mhux finanzjarji, intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u kumpaniji tal-assigurazzjoni. Id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2, żdiedu marġinalment b'€0.2 miljun, jew b'0.1%.

Fir-rigward tal-kontropartjiet tal-M3, il-kreditu lil residenti taż-żona tal-euro żdied b'€61.9 miljun, jew b'0.4%, hekk kif żieda fil-kreditu lill-gvern ġenerali għelbet tnaqqis fil-kreditu lil residenti oħra. B'riżultat ta' dan, il-kreditu naqas b'rata annwali inqas mgħaġġla ta' 0.8% f'Mejju, wara tnaqqis ta' 1.1% f'April.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied b'€197.5 miljun, jew b'5.2%, hekk kif il-banek żiedu l-ammont ta' dejn tal-gvern miżmum minnhom. Iż-żieda fl-ammonti miżmuma mill-IFM

residenti ta' titoli maħruġa minn gvernijiet oħrajn fiż-żona tal-euro kienet l-iktar żieda qawwija sa mill-bidu tas-sena. Min-naħa l-oħra, il-kreditu lil residenti oħra naqas b'€135.6 miljun, jew b'1.2%, l-aktar minħabba tnaqqis fl-ammonti miżmuma mill-IFM ta' titoli maħruġa minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u li huma residenti f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn IFM residenti f'Malta u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, żdiedet b'€181.9 miljun, jew b'1.6%. Dan irrifletta żieda fl-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' barranin, li għelbet żieda iżgħar fl-obbligazzjonijiet korrispondenti.

Matul ix-xahar, il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra' żdiedet b'€218.1 miljun, jew b'1.3%, minħabba żieda fl-obbligazzjonijiet oħra (netti). Din iż-żieda prinċipalment irriflettiet transazzjonijiet bejn banek residenti f'Malta u banek residenti f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro. Fl-istess żmien, l-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali żdiedu b'€123.3 miljun, jew b'19.4%, minħabba żieda fid-depożiti tal-gvern li seħħet parzjalment minħabba l-fondi miġbura mill-ħarġa ta' stokks tal-Gvern ta' Malta li kien hemm matul ix-xahar. B'kuntrarju għal dan, l-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal naqsu b'€268.9 miljun, jew bi 2.1%. Dan seħħ minħabba tnaqqis fir-riżervi, li jagħmlu parti mill-ishma, b'riżultat ta' bidliet fl-istimi tas-suq finanzarju u tar-rati tal-kambju.

**Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self**

F'Mejju, id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin żdiedu bi €62.1 miljun, jew b'0.7% (ara Tabella 2). Sadattant, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 4.4% minn 5.1% f'April (ara Grafika 1). Iż-żieda osservata matul ix-xahar ta' Mejju reġġgħet lura parzjalment it-tnaqqis irreġistrat f'April, l-aktar minħabba d-depożiti miżmuma minn kumpaniji mhux finanzjarji u individwi. B'kuntrast għal dan, kien hemm tnaqqis fid-depożiti miżmuma minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek.

Wara t-tnaqqis f'April, id-depożiti *overnight* irkupraw u żdiedu b'€101.9 miljun, jew b'1.9%, matul ix-xahar, minħabba żieda fil-bilanċi ta' kumpaniji mhux finanzjarji u, fi grad inqas, tal-individwi. Ir-rata tat-tkabbir annwali ta' dawn id-depożiti, jiġifieri 10.6%, kienet kemxejn inqas minn dik ta' 10.8% f'April.

Id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas żdiedu marġinalment b'€0.2 miljun, jew b'0.1%. B'kuntrarju għal dan, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas komplew jonqsu b'€39.9 miljun, jew b'1.1%, minħabba tnaqqis fil-bilanċi ta' kumpaniji mhux finanzjarji, intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek, u kumpaniji tal-assigurazzjoni. B'riżultat ta' dan, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas naqsu b'rata annwali ta' 2.8% f'Mejju, wara tnaqqis annwali ta' 1.6% fix-xahar ta' qabel.

F'Mejju, il-kreditu mogħti minn IFM Maltin lil residenti Maltin żdied marġinalment b'€4.1 miljun. F'termini annwali, ir-rata tat-tkabbir tal-kreditu naqset marġinalment għal 1.0% minn 1.1% f'April (ara Grafika 2).

Il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied b'€25.6 miljun, jew b'1.0%, hekk kif il-banek żiedu l-ammonti ta' *bills* tat-Teżor miżmuma minnhom, li għelbu t-tnaqqis fil-portafoll tagħhom ta' stokks tal-Gvern ta' Malta. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali telgħet għal 2.8% minn 1.8% x-xahar ta' qabel.

Sadattant, il-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali naqas b'€21.5 miljun, jew b'0.2%, wara tnaqqis fis-self mogħti lil kumpaniji mhux finanzjarji, partikolarment dawk li joperaw fis-setturi tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, tal-manifattura u tal-kostruzzjoni. Dawn għelbu żieda sostanzjali fis-self mogħti lil ditti kummerċjali li

joperaw fl-industrija tal-akkomodazzjoni u tas-servizzi tal-ikel. Il-kreditu lill-individwi żdied matul ix-xahar, minħabba s-self għal xiri tad-djar.

### Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin naqsu b'€96.7 miljun, jew b'0.8%, matul ix-xahar hekk kif l-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin żdiedu aktar mill-obbligazzjonijiet ta' barranin (ara Tabella 2).[1] Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin seħħet minħabba żieda fid-depożiti miżmuma minn barranin ma' IFM residenti, flimkien ma' żieda fis-self barrani minn banek residenti. Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barranin seħħet minħabba żieda fid-depożiti miżmuma ma' IFM barranin, flimkien ma' żieda fl-ammonti miżmuma ta' titoli maħruġa mill-barranin. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-assi barranin netti naqset għal 7.0% minn 7.8% f'April.

### Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]

F'Mejju, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM Maltin fuq id-depożiti kollha miżmuma mill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji Maltin baqgħet l-istess bħax-xahar ta' qabel, jiġifieri 1.43%. Ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM Maltin fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti wkoll baqgħet l-istess, jiġifieri 4.32%.

Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet żewġ punti bażi iktar, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet erba' punti bażi inqas.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. L-individwi jinkludu istituzzjonijiet li jipprovdu servizz lill-individwi bla qligħ. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[(1)(2)]

*EUR miljuni*

| | Mej-13 | Apr-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Mej-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Mej-13 | Apr-13 |
| **L-AGGREGATI MONETARJI[(3)]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **6,277.2** | **6,174.8** | **102.4** | **1.7** | **5,742.5** | **9.3** | **9.9** |
| Flus maħruġa[(4)] | 732.8 | 727.2 | 5.6 | 0.8 | 719.1 | 1.9 | 3.0 |
| Depożiti *overnight* [(5)] | 5,544.4 | 5,447.6 | 96.8 | 1.8 | 5,023.5 | 10.4 | 10.9 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **10,452.5** | **10,426.8** | **25.7** | **0.2** | **9,741.2** | **7.3** | **8.0** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 6,277.2 | 6,174.8 | 102.4 | 1.7 | 5,742.5 | 9.3 | 9.9 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(5)] | 113.5 | 113.3 | 0.2 | 0.1 | 137.9 | -17.7 | -14.1 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(5)] | 4,061.8 | 4,138.7 | -76.8 | -1.9 | 3,860.8 | 5.2 | 6.2 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,646.2** | **10,620.5** | **25.7** | **0.2** | **9,976.4** | **6.7** | **7.7** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 10,452.5 | 10,426.8 | 25.7 | 0.2 | 9,741.2 | 7.3 | 8.0 |
| Titoli negozjabbli[(6)] | 193.7 | 193.7 | 0.0 | 0.0 | 235.3 | -17.7 | -9.9 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,615.2** | **15,553.3** | **61.9** | **0.4** | **15,737.8** | **-0.8** | **-1.1** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,988.0 | 3,790.5 | 197.5 | 5.2 | 4,265.3 | -6.5 | -10.7 |
| Self lil setturi oħra | 11,627.1 | 11,762.8 | -135.6 | -1.2 | 11,472.4 | 1.3 | 2.5 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **11,588.0** | **11,406.1** | **181.9** | **1.6** | **10,293.8** | **12.6** | **21.5** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 34,358.4 | 32,821.4 | 1,537.1 | 4.7 | 33,606.9 | 2.2 | 3.2 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 22,770.4 | 21,415.2 | 1,355.2 | 6.3 | 23,313.1 | -2.3 | -4.5 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **16,557.0** | **16,338.9** | **218.1** | **1.3** | **16,055.2** | **3.1** | **7.2** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 759.8 | 636.5 | 123.3 | 19.4 | 606.8 | 25.2 | -6.6 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 12,338.6 | 12,607.4 | -268.9 | -2.1 | 11,950.5 | 3.2 | 4.8 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 3,458.6 | 3,094.9 | 363.7 | 11.8 | 3,497.9 | -1.1 | 22.4 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*EUR miljuni*

| | Mej-13 | Apr-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Mej-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Mej-13 | Apr-13 |
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **9,088.2** | **9,026.1** | **62.1** | **0.7** | **8,701.6** | **4.4** | **5.1** |
| Depożiti *overnight* | 5,367.5 | 5,265.6 | 101.9 | 1.9 | 4,851.9 | 10.6 | 10.8 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 113.4 | 113.3 | 0.2 | 0.1 | 137.6 | -17.6 | -13.7 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,607.3 | 3,647.2 | -39.9 | **-1.1** | 3,712.1 | -2.8 | -1.6 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,173.1** | **11,168.9** | **4.1** | **0.0** | **11,061.9** | **1.0** | **1.1** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,502.3 | 2,476.7 | 25.6 | 1.0 | 2,433.1 | 2.8 | 1.8 |
| Self lil setturi oħra | 8,670.8 | 8,692.3 | -21.5 | -0.2 | 8,628.7 | 0.5 | 1.0 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **12,203.0** | **12,299.7** | **-96.7** | **-0.8** | **11,400.1** | **7.0** | **7.8** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 44,805.2 | 42,941.5 | 1,863.7 | 4.3 | 43,587.8 | 2.8 | 2.1 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 32,602.2 | 30,641.8 | 1,960.4 | 6.4 | 32,187.7 | 1.3 | 0.0 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 1**
**Tkabbir f'depożiti magħżula ta' residenti Maltin inklużi fl-M3**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 2**
**Kreditu lir-residenti Maltin**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.